MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2007

Appell Kriminali Numru. 135/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Marcellino Tanti**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Marcellino Tanti talli fil-11 ta’ April 2006 ghal habta tat-8.15pm fi Triq Anton Buttigieg, Hamrun, u f’dawn il-Gzejjer, gieghel, halla jew ippermetta lil ibnu Christian Tanti isuq vettura EAB-097 minghajr ma kien kopert b’polza tas-sigurta` dwar ir-riskji tat-terzi persuni;

Rat is-sentenza ta’ l-Qorti tal-Magistrati (Malta) ta-21 ta’ Marzu, 2007 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Marcellino Tanti hati skond l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkundannatu multa ta’ elf lira (Lm1,000.00);

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Marcellino Tanti, minnu prezentat fid-29 ta’ Marzu 2007, li permezz tieghu talab ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-28 ta’ Mejju 2007; ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-appellant huwa, bazikament, li fuq il-provi li kellha quddiemha l-ewwel qorti – konsistenti biss fid-deposizzjoni tas-Surgent Maggur Silvio Brincat – hija ma setghet qatt issibu hati skond l-imputazzjoni kif dedotta.

Din il-Qorti tibda billi tosserva li l-imputazzjoni migjuba kontra l-appellant tipotizza r-reat kontemplat fl-Artikolu 3(1) tal-Kap. 104. Fis-sentenza taghha l-ewwel qorti ghamlet referenza wkoll ghall-Artikolu 42(d) tal-Kodici Kriminali (dwar il-komplicita`), artikolu li din il-Qorti, mill-provi kif irrizultawlha, tara li huwa kompletament irrelevanti. Kif inghad, l-uniku xhud f’dan il-kaz huwa s-Surgent Maggur Brincat. Dan jirrelata bazikament (**1**) dak li qalulu Emanuel Borg u Michelle Mallia in konnessjoni ma’ fejn sabu vettura f’nofs tat-triq li minhabba fiha ma setghux jghaddu, u kif raw lil Christian Tanti hiereg minn garaxx, kien hemm diverbju bejnitehom (cioe` bejn Borg u Mallia minn naha u Tanti min-naha l-ohra) u jiftah il-*boot* taghha, u (**2**) dak li qallu l-appellant. L-appellant jirrizulta li qal lil dan ix-xhud li l-vettura kienet ghand it-tifel Christian, li dan kien mar iwassal lil xi hadd, u li dan Christian ma kienx kopert bl-*insurance*.

Issa, dak li l-Maggur ighid li qalulu Borg u Mallia huwa certament mhux ammissibbli bhala prova ta’ dak li dawn ir-tnejn suppost raw; id-deposizzjoni tal-Maggur f’dan ir-rigward hija *hearsay*. Dak li l-Maggur, pero`, jghid li qallu l-appellant huwa ammissibbli in kwantu jammonta ghall-istqarrija ta’ l-istess appellant, anke jekk mhux fil-forma normali ta’ interrogatorju u anke jekk ma jirrizultax li nghatat it-twissija. Pero` l-mistoqsija krucjali hija din: jista’ jinghad li minn dak li qal l-appellant lill-Maggur jirrizulta pruvat, sal-grad li trid il-ligi fil-kamp penali, li Christian Tanti effettivament uza vettura bil-mutur fit-toroq? Ir-reat kontemplat fl-Artikolu 3(1) (riferribbilment ghal min ikun

"halla" lil persuna ohra tuza dik il-vettura) jigi integrat mhux bis-semplici ghoti tal-permess lil dik il-persuna l-ohra biex tuza l-vettura jew billi semplicement jinghatawlha c-cwievet tal-vettura; biex jigi integrat ir-reat irid ikun hemm il-prova li dik il-persuna l-ohra effettivament uzat il-vettura fit-triq. Fil-fehma kunsidrata tal-Qorti, tali uzu ma jirrizultax sufficjentement minn dak li qal l-appellant lill-Maggur – kien forsi seta' jirrizulta li kieku gew prodotti bhala xhieda Borg u Mallia. Ghalhekk dana l-appell jimmerita li jigi akkolt.

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-appellant Marcellino Tanti minn kull imputazzjoni, htija w piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------